MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Numru 1171/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**VS**
**MATTHEW TIMOTHY BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Timothy Borg ta` 17-il sena bin Hadrian u Nathalie nee` Tabone, imwieled Pieta` fil-21 ta` April, 1993, li joqghod Flat 3, Triq Dun Xand Cortis, Binja Santa Venera, Ent. F, Santa Venera, u detentur tal-karta ta` l-Identita b`numru 192293(M).

Illi huwa akkuzat:

Talli f`dawn il-gzejjer, fil-lejl bejn il-31 ta` Dicembru, 2009 u l-1 ta` Jannar, 2010:

1. Ghamel falsifikazzjoni f`att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat fuq akkont ta` terzi persuni b`falsifikazzjoni jew b`tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet ew obligi foloz jew helsien falz minn obbligi f`dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi aied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` f`dokument ta` karta ta` l-identita` u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta` Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin lok u circostanza xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri f`dokument ta` karta ta` l-Identita` u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin lok u circostanza biex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih inniffsu jew ghal haddiehor, f`xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta` Malta;

4. U aktar talli f`dawn il-gzejjer, fl-istess zminijiet, u cirkostanzi, bil-hsieb li jqarraq, kiser xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta` l-artiklu 11 u / jew 12 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. U aktar talli f`dawn il-gzejjer, fl-istess zminijiet, u cirkostanzi, xjentement ghamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta taghrif falz, jew ipproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta` Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta` l-imputat fil-verbal datat 24 ta` Frar, 2011 ghar- rigward tar- raba' u l- hames akkuza.

Semghet il-konferma ta` l-istess ammissjoni kondizzjonata wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Matthew Timothy Borg mhux hati ta l- ewwel tlett akkuzi, izda hati ta` r- raba' u l- hames akkuza migjuba kontra tieghu u wara li rat Artikolu 11 ,12,14 (1)(2)(c) tal- Kap 258, Artiklu 37 Kap 9 u Artiklu 7 tal- Kap 446 tqieghed lil imputat taht ordni ta' Probation ghal- perjodu ta' sena taht is- sorveljanza tad- Direttur tal- Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat, waqt li tilliberah mill- ewwel, it- tienu u t- tielet akkuza. Il- Qorti tiddikjara illi l- kawza si tratta ta' bdil ta' Identity Card sabiex l- imputat jidher li kien sena ikbar biex ikun jista jidhol go stabbiliment fejn kien qed jinzamm party taz-zaghazagh. Illi r- raba' u l- hames akkuza tirrigwarda b' mod specifiku, bdil jew falsifikazzjoni ta' identity card u ghal- daqstant hija il- ligi specjali li tapplika direttament ghal- kaz u tirbah fuq il- ligi generali. Ghaldaqstant l- Qorti ma tarax raguni il-ghaliek ghandha ssib htija fl- ewwel tlett akkuzi li huma dubblici.

Din l- piena qed tigi akkordata in vista ta' l- eta' giovanili ta' l- imputat li ghadu minorenni, l- ammissjoni bikrija tieghu u l- fatt li ghandu fedina penali nadifa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------